MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru 241/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur Raymond D'Anastas)
**vs**
**Ryan Seguna**
**Mark Anthony Rizzo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Ryan Seguna, bin Raymond u Anna nee' Giacchino, ta' 21 sena imwieled Pieta' fis-07 ta' Marzu 1983 u residenti gewwa Flat 4, Crown Court, Cathedral Street, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 15283M; u fil-konfront ta' Mark Anthony Rizzo ta' 21 sena bin Vincent u Anna imwielda Borda imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Jannar 1983 u residenti gewwa 'Sego Ville', Triq il-Liebru, Swieqi u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 93383M.

Talli fid-19 ta’ Marzu 2000 ghall-habta tas-saghtejn ta’ fil-ghodu gewwa San Giljan hebbew ghall-Nicholas Callus u ikkagunawlu feriti ta’ natura gravi u dan skond kif iccertifika it-Tabib Dr. Schembri M.D. mill-Isptar San Luqa;

Talli wkoll fl-istess data, hinijiet u cirkustanzi heddew lill-imsemmi Nicholas Callus bi kliem u hebbew ghalih sabiex jingurjawh, iddejquh jew jaghmlulu hsara u aktar talli bil-lejl kissru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor.

Ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u glied.

U fil-konfront ta’ Mark Anthony Rizzo wahdu:-
Talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 29.11.99 u dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkonsidrat .

1. Fis-seduta tad-19 t’Ottubru 2000 l-avukat tal-minorenni Nicholas Callus u missier l-istess iddikjara li l-feriti kkagunati huna ta’ natura hafifa u rrinunzzja ghal dak li hu rinunnzjabbli.

2. Fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2000 Nicholas Callus hafer u rrinunnzja bl-istess mod.

3. Mix-xhieda jirrizulta li l-akkuzati wegghu hafif lil-Callus f’San Giljan nhar id-19 ta’ Marzu 2000 u waqt hekk kisru l-paci pubblika. F’dak iz-zmien kellhom sbatax il-sena u l-

akkuzat Mark Anthony Rizzo kiser il-kundizzjonijiet moghtija b’sentenza.

4. Issibhom hatja.
Rat l-artikolu 37, 339 tal-Kapitolu 9 fil-konfront ta’ Ryan Seguna, twiddbu u twissih u tittama li ma jibdiex ihammeg il-fedina penali tieghu u joqghod attent fejn imur u ma min imur.

Rat l-artikolu 37, 339 tal-Kap 9 u l-art 10 (3) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ Mark Anthony Rizzo. Tikkundannah ghaxar liri ammenda u tittama li jibda jirrispetta lilu nnifsu u lil-ohrajn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------